ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY
Stqarrija għall-Istampa

*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/PR/12/17
Mistoqsijiet mill-midja: ECHA Press

# L-ECHA tniedi proċess ta' sitt xhur konsultazzjoni dwar il-proposta ta' restrizzjoni fuq id-diklorobenżene fl-air fresheners u fil-latrini

## Wara talba mill-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ressqet rapport bi proposta ta' restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq u fuq l-użu tal-air fresheners u tal-latrini abbażi tad-diklorobenżene. Dawn il-prodotti jintużaw l-iżjed biex ifewħu l-arja tal-latrini pubbliċi u domestiċi.

**Ħelsinki, 19 ta' Ġunju 2012** – 1,4-diklorobenżene kienet ikklassifikata bħala kanċeroġinu tat-tieni kategorija. Din is-sustanza għandha effett tossiku fuq il-fwied, il-kliewi u l-passaġġi respiratorji.

Id-dossier juri li meta jintużaw prodotti li fihom id-diklorobenżene, l-utenti domestiċi tal-latrini u tal-air freshners kif ukoll l-impjegati fil-latrini jkunu esposti għal livelli ogħla mil-livelli siguri. Dan ifisser li r-riskji ta' din is-sustanza f'dawn iż-żewġ gruppi ma jistgħux jiġu kkontrollati b'mod xieraq. Il-partijiet interessati jistgħu jikkummentaw kemm fuq il-proposta ta' restrizzjoni u kemm fuq ir-rapport rilevanti billi jużaw il-formula web tas-sit elettroniku tal-ECHA. Il-kummenti ser jinqraw u jitqiesu mill-Kumitat tal-ECHA għall-Valutazzjoni tar-Riskju (RAC) u mill-Kumitat tal-ECHA għall-Analiżi Soċjo-Ekonomika (SEAC). L-opinjonijiet finali taż-żewġ kumitati dwar il-proposta ta' restrizzjoni mistennija jiġu ppubblikati sa Ġunju 2013. Fid-dawl ta' dawn l-opinjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea ser tieħu deċiżjoni dwar jekk tintroduċix xi restrizzjonijiet fir-Regolament REACH.

L-Anness XV tar-rapport fih l-isfond u l-ġustifikazzjonijiet tar-restrizzjoniji li qed tiġi proposta. Dan jinkludi deskrizzjoni tar-riskji identifikati, tagħrif dwar alternattivi, l-effikaċja tar-restrizzjoni fit-tnaqqis tar-riskji u l-ispejjeż meħtieġa.

Minkejja li l-perjodu ta' sitt xhur konsultazzjoni jintemm fid-19 ta' Diċembru 2012, ir-rapporteurs tar-RAC u tas-SEAC xorta ser jibqgħu jaċċettaw il-kummenti sal-1 ta' Settembru 2012, għax dawn għandhom jgħinuhom fl-ewwel diskussjoni dwar il-proposta ta' restrizzjoni fil-laqgħat tal-kumitati li jser isiru f'Settembru 2012.

## Aktar informazzjoni

- Restrizzjonijiet li qed jiġu diskussi
  http://echa.europa.eu/web/guest/restrictions-under-consideration

- Tagħrif fuq ir-rapport dwar ir-restrizzjoni
  http://echa.europa.eu/documents/10162/d6ea4bcb-0f54-4e4b-802c-7f26acdc2026
- Iżjed tagħrif dwar il-proċess ta' restrizzjoni skont ir-Regolament REACH
  http://echa.europa.eu/web/guest/addressing-chemicals-of-concern/restriction;jsessionid=FA405D9FFA5905F5493881DE962EACE2.live2